MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 239/2004

**A**

**vs**

**B**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 16 ta' Lulju 2004 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-partijiet izzewgu fid-9 ta' Marzu 1996 kif jindika c-certifikat anness bhala Dok. "A" minn dan iz-zwieg ma kienx hemm tfal. Il-partijiet kellhom wiehed u ghoxrin sena meta zzewgu. Huma bdew johorgu flimkien meta kien ghadhom zghar. Qed jigi anness affidavit tal-attur Dok. "B";

Illi l-kunsens tal-partijiet ghaz-zwieg gie miksub bi vjolenza sew fizika sew morali, jew biza **artikolu 19 (1) (a) Kap. 255**. Il-partijiet kienu jiggieldu hafna qabel iz-zwieg tant li gimgha qabel iz-zwieg l-attur ried ihassar. Il-konvenuta w ommha pero' bdew jinsistu li t-tieg ma jthassarx u l-attur waqa' ghal din il-pressjoni u zzewweg xorta;

Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja mizzewga – **artikolu 19 (1) (c) Kap. 255**;

Illi il-kunsens kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg **artikolu 19 (1) (d) Kap. 255.** L-attur sa gimgha qabel iz-zwieg ried ihassar. Il-partijiet qatt ma ghexu l-hajja mizzewga, izda pratikament baqghu jghixu l-hajja ta' guvni u xebba sa mill-bidu taz-zwieg;

Illi l-kunsens ta' wahda mill-partijiet gie miksub bl-eskluzjoni positiva taz-zwieg innfisu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt tal-att taz-zwieg **artikolu 19 (1) (f) Kap. 255**. Qabel iz-zwieg il-konvenuta kienet tghid li trid tfal miz-zwieg pero' wara z-zwieg hi assolutament ma riditx tfal;

Illi l-partijiet isseparaw biss sitt snin wara z-zwieg pero' l-problemi fiz-zwieg bdew mill-bidu tieghu. Il-konvenuta kienet izjed ghand ommha milli d-dar u anke bdiet tohrog wahedha. Il-partijiet qatt ma ghexu l-hajja mizzewga, qatt ma qasmu hajjithom flimkien kif suppost jaghmlu koppji mizzewgin. Anke r-relazzjoni intima kienet bierda, il-partijiet kienu hafna l-boghod minn xulxin u dan kwazi mill-bidu. Sa sena wara z-zwieg il-konvenuta gia kienet qed tghid lill-attur li kien iddispjaciha li zzewgitu. Il-konvenuta fl-ahhar telqet mid-dar u qalet lil hu l-attur li fil-fatt hi qatt ma kienet habbet lill-attur;

Illi l-istess attur talab lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara illi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fid-9 ta’ Marzu 1996 huwa null *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (a) (c) (d) (f) tal-ligijiet ta’ Malta** u ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;

Bl-ispejjez, il-konvenuta hija ngunta biex tidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti a fol. 3 u 4 tal-process.

Rat l-affidavit tal-attur **A** minn fol. 6 sa fol. 8.

Rat in-nota tal-attur datata 2 ta’ Settembru 2004, a fol. 15, li permezz taghha rrileva li ma hemm ebda kawza dwar il-mertu ta’ din il-kawza quddiem it-Tribunal Ekklesjastiku.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta B datata 3 ta’ Settembru 2004, a fol. 16, fejn eccepiet bir-rispett:

1. Illi l-eccipjenti taqbel li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fid-9 ta’ Marzu 1996 huwa null, u dan minhabba l-vizzji ndikati mill-attur fic-citazzjoni pero’ mputabbli biss lejn l-istess attur.

2. Illi salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda a fol. 17.

Rat in-nota tal-konvenuta **B** datata 3 ta’ Settembru 2004, a fol. 19, li permezz taghha rrilevat li ma hemm ebda kawza dwar il-mertu ta’ din il-kawza quddiem it-Tribunal Ekklesjastiku.

Rat in-nota tal-attur A datata 6 ta’ Ottubru 2004, a fol. 20, li permezz taghha prezenta l-affidavit ta’ **huh Claude Magri**.

Rat il-verbal datat 26 ta’ Jannar 2005, fejn Dr. Raymond Zammit ghall-attur ddikjara li ma ghandux provi izjed. Dr. Lydia Zerafa prezentat tlett affidavit bil-kopja lill-kontro-

parti. Il-Qorti nominat lil Dr. Kenneth Gulia biex jiffissa zewg seduti ghall-kontro-ezamijiet kollha li kien hemm.

Rat tal-konvenuta B , datata 26 ta' Jannar 2005 a fol. 24, li permezz taghha prezentat l-affidavit **taghha**, ta' **Edwin Mangion** u ta' **Mary Grace Mangion**.

Rat is-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia fit-3 ta' Marzu 2005, fejn xehdu Mary Grace Mangion, Edwin Mangion, B u A kollha in kontro-ezami.

Rat il-verbal datat 8 ta' Gunju 2005, fejn Dr. George Abela ghall-konvenuta talab li jipprezenta nota, il-Qorti laqghat it-talba u u pprefiggiet terimu ta' 40 gurnata lill-attur biex jipprezenta nota t' osservazzjonijiet bil-visto / notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu l-istess terminu ghal nota responsiva. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Ottubru 2005.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur datata 20 ta' Ottubru 2005.
Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuta datata 24 ta' Ottubru 2005.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat il-provi kollha prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (I) PRINCIPJI LEGALI.

Illi l-attur qed jitlob li z-zwieg celebrat fid-9 ta' Marzu 1996 jigi dikjarat null u bla effett *ai termini* tas-**sub-incizi (a) (c) (d) u (f) ta' l-artikolu 19 (1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi **l-artikolu 19 (1) (a) (c) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jinqraw hekk kif gej:-

**Artikolu 19 (1*)*** *"B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null:-*

***(a)*** *"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew biza'";*

***(c)****"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga";*

***(d)****"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anolomija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg".*

***(f)*** *"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg".*

Illi **l-artikolu 19 (1) (a) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jghid illi z-zwieg ikun null jekk il-kunsens inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew biza'.

Illi din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **"Lorenza *sive* Laura Muscat xebba Borg vs Av. Dr. Paul Micallef u P.L. John Privitera noe."** (Prim' Awla - 17 ta' Frar 1988), qalet illi sabiex zwieg ikun invalidat fuq din il-premessa, u cjoe' **artikolu 19 (1) (a)**, il-biza' jrid jkun ta' certu gravita', pero' jista' jkun assolut jew relattiv. Il-biza' tkun assoluta meta tkun tant gravi illi ggieghel bniedem normali jibza' tant illi jidhol fiz-zwieg kontra l-volonta` tieghu. Ezempji ta' dan hu meta jkun hemm theddid ta' qtil. Il-biza' tkun relattiva meta tkun tali li jekk imposta fuq persuna timida jirrizulta f'biza' li hija relattivament gravi u dan ghaliex kollox jiddependi fuq il-karattru tal-istess persuna.

Illi fil-kaz **"Tanya Curmi vs Charles Curmi**, (Prim' Awla tal-Qorti Civili deciza fit-18 ta' Mejju 1988), inghad li *"in order to be considered as a vice of consent, regard must be had not only to the gravity of such fear, but also to the character and condition of the person subjected to the fear".*

Illi pero', kif isostnu l-awturi ***L. Wrenn**,* u **Brown R.** *"there must also be some objective gravity that is at least prudently feared."* Ghalkemm wiehed irid iqis biza' b'mod soggettiv, ma jistax jigi minsi l-aspett oggettiv tal-gravita' tal-biza' li dejjem fl-ahhar mill-ahhar ghandu jittiehed bhala test decisiv.

Illi sabiex wiehed jasal ghal definizzjoni ta' biza' xieraq li wiehed jirreferi ghal dak li gie msemmi fid-decizjoni **"Mary Lourdes Spiteri vs Christian *sive* Cristino Spiteri",** P.A. (F.D.) fis-6 ta' Lulju 1993), fejn f'dik is-sentenza gie ritenut li:-

*"Ghal dak li jirrigwarda l-biza' din tista' tigi definita fi trepidazzjoni jew eccitament kbir fil-mohh li jigi kawzat minn xi ncident jew haga kemm ta' dak il-hin, kemm minn haga li tista' tigri fil-futur. Dan it-tahwid fil-mohh irid ikun tali li jaffettwa l-mohh ta' min qieghed jaghti l-kunsens u li jaghtih biex jevita dak li qieghed jigrilu jew dak li jista' jigrilu".*

Illi fil-kawza **"Josephine Drew xebba Cutajar vs Dr. Thomas Abela u P.L. Charles Vassallo noe."** (P.A. (F.D.) fit-12 ta' Marzu 1992), il-Qorti ddefiniet biza' bhala *"dik l-offiza li titwettaq kontra l-liberta', hekk li, precizament minhabba din il-biza', 'quis cogatur ad contrahendum matrimonium".*

Illi fis-sentenza **"Mary mart Gaetano Bilocca vs Gaetano Bilocca",** (P.A. (F.D. – 16 ta' Mejju 1990) il-Qorti qalet illi biza' hija *"the effect, which force, whether physical or moral, induces in the mind of the future spouse".*

Illi l-istess inghad fil-kawza **"Joseph D'Ugo vs Rita D'Ugo"** (P.A. (F.D.) – 28 ta' Gunju 1994), fejn gie soffermat li:-

*"Il-biza' tirrizulta minn tliet elementi. Fl-ewwel lok, trid tkun gravi; fit-tieni lok, il-persuna li qed jezercitaha jrid ikun kapaci, presumevolment li jesegwixxi dak li qed jhedded li jaghmel; u fit-tielet lok, il-biza' trid tkun il-mottiv principali ghaliex il-persuna tasal li tizzewweg, biex tevita l-konsegwenzi tat-theddid".*

Illi dwar l-**artikolu 19 (1) (c) tal-Kap 255** dan jipprovdi li hemm kaz a' annulament taz-zwieg jekk il-kunsens ta' wiehed mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

Illi l-**artikolu 19 (1) (c)** jghid li zwieg ikun null *"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga"*. Dina d-dispozizzjoni hi kwazi identika fil-formulazzjoni taghha ghall-**Canone 1098 tal-Kodici ta' Dritt Kanoniku** vigenti u hu evidenti li d-dispozizzjoni fil-ligi taghna giet ispirata mill-istudji preparatorji u mill-abbozzi tal-Kodici Kanoniku gja' ezistenti fl-1981, cjoe' qabel ma l-imsemmi Kodici gie effettivament promulgat. Kif din il-Qorti diversament presjeduta kellha okkazjoni li tikkummenta fis-sentenza taghha tal-4 ta' Novembru 1994 fil-kawza fl-ismijiet **"Angela Spiteri xebba Selvaggi vs Joseph Spiteri"**, l-**artikolu 23 tal-Kap. 255** ma huwiex ta' ostakolu li ssir referenza ghad-dottrina u l-gurisprudenza kanonika bhala fonti ta', u ghajnuna ghall-interpretazzjoni tad-dispozizzjoni in ezami, u dan bhalma l-fatt li ligijiet ta' pajjizi ohra ma humiex parti mill-ligi ta' pajjizna ma hux ta' ostakolu li ssir referenza ghal dawk il-ligijiet u ghall-gurisprudenza ta' dawk il-pajjizi ghall-finijiet ta' nterpretazzjoni tal-ligi domestika.

Illi l-qerq ravvizat fid-dispozizzjoni tal-**artikolu 19 (1) (c) tal-Kap. 255** jincidi <u>direttament</u> fuq l-intellett ta' xi wahda mill-partijiet fiz-zwieg u <u>ndirettament</u> fuq il-volonta' tal-

persuna ngannata. F'din id-dispozizzjoni, ghalhekk, dak li jintlaqat direttament mhux il-kunsens, izda l-intellett. Kif jispjega l-gurista ***Jose' Castano***:-

*"Il dolo causa direttamente errore nell'intelletto del paziente, il quale* *ex errore* *consente. Con la particella ex vogliamo significare l'immediata causalita' dell' errore sul consenso. L'atto di consentire pero' e' atto entittivamente di volonta"*. ***(Il Sacremento del Matrimonio, Roma, 1992, p. 357)***. Dan il-qerq jista' jigi kemm minn wahda mill-partijiet fiz-zwieg kif ukoll minn terza persuna. *"In definittiva, quello che conta e che il dolus abbia influsso nel consenso, cioe' che il consenso matrimoniale provenga dall' errore doloso, senza il quale il consenso non sarebbe mai stato espresso"* (*op. cit*. P. 358).

Illi biex tissussisti s-sitwazzjoni ravvizata fil-paragrafu in dizamina jridu jikkonkorru erba' affarijiet:-

i) il-qerq perpetrat bil-hsieb li wiehed jikseb il-kunsens tal-parti;

ii) li l-qerq ikun incida fuq il-kunsens tal-parti;

iii) li l-qerq ikun jirrigwarda xi kwalita' tal-parti l-ohra; u

iv) li din il-kwalita' tkun tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

Illi l-attur issemmi wkoll l-**artikolu 19 (1) (d)** li jipprovdi li zwieg ikun null jekk *"vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg"*.

Illi b'difett serju ta' diskrezzjoni, l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. Li kieku l-legislatur irrikjeda maturita' shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' *discretio judicii* hu kuncett guridiku

ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg.

Illi kif jispjega ***Bersini***, id-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti:-

*"la piena avvertenza e il deliberato consenso….La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita' di giudizio e la maturita' affettiva…. La maturita' di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli oblighi essenziali da assumersi e ai doveri cognugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita' affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi' una mancanza di consenso libero (immaturita' affettiva) e ponderato (immaturita' di giudizio)"* ***(Bersini. F.,*** **Il Diritto Canonico Matrimoniale (Torino, 1994)**, p. 97.)

Illi l-istess awtur ikompli jispjega li *"e necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazzione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l'eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrare, per qualsiasi motivo, la capacita' intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravemente alterata o ad dirittura mancante, si dovra' ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio. "……..se il soggetto non e' in grado di superare (i)*

*condizionamenti interiori, allora si dira' che la scelta di lui non e stata libera; In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe' col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa' coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei rigwardi della parole"* ***(Pompedda, MF.,*** **Incapacita' di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento (Bologna, 1991)**, pp. 231, 233).

Illi l-awtur ***Viladrich*** jispjega li:-

*"The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring"* **(*Viladrich, P.J.*, Matrimonial Consent in Code of Cannon Law Annotated (Montreal, 1993*)***, *p. 686).*

Illi taht l-**artikolu 19 (1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta' l-kunsens tieghu kien gja' mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghal separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament.

Illi rigward l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' simulazzjoni parzjali, din il-Qorti diversament presjeduta fid-decizjoni **"Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et noe"** (14 ta' Lulju 1994) elenkat l-element essenzjali taz-zwieg bhala li principarjament jikkonistu fil-kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilita' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied. L-istess elementi gew ikkonfermati ukoll f' **"Aquilina vs Aquilina"** (Prim' Awla

30 ta’ Jannar 1991) u f' **“Grech vs Grech”** (Prim' Awla 9 ta’ Ottubru 1990). Dawn huma wkoll l-elementi fil-ligi kanonika.

Illi l-komunjoni tal-hajja konjugali u cjoe' il-*Consortium Vitae* tikkomprendi zewg elementi u cjoe’ l-imhabba konjugali u r-responsabbilta’ tal-familja. Kif qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Civili f' **“Magri vs Magri”** (14 ta’ Lulju 1994):-

*“Jekk din il-‘Consortium Vitae’ hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-‘Consortium Vitae’ tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabbilta' tal-familja”.*

Illi tal-istess portata huma s-sentenzi **“Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro”** (P.A. (RCP) 1 ta’ Frar 2001); **“Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano nomine”** (P.A. (RCP) 8 ta’ Novembru 2000); **“Carmen El Shimi gja` Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi”** (P.A. (NA) 20 ta’ Gunju 2000); **“Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim”** (P.A. (NA) 31 ta’ Mejju 2000); **“Ousama William Hfez Sadallah vs Doris Dalli”** (P.A. (RCP) 4 ta’ April 2000) u **“Albert Grech vs Josette Grech”** (P.A. (RCP) 30 ta’ April 2002 Cit. Nru. 793/01/RCP).

**(II) APPREZZAMENT TAL-PROVI PRODOTTI.**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-partijiet izzewgu fid-9 ta’ Marzu 1996 u kienu ilhom jafu lil xulxin mis-sena 1991 – jidher li kienu johorgu flimkien ghalkemm jidher car li kien hemm disgwid serju quddiemhom naxxenti mill-fatt li kien hemm nuqqas ta’ komunikazzjoni u ta’ affidament bejniethom dovut ukoll ghall-fatt li xehtu hafna mill-energija taghhom rispettiva mhux biex ikun jafu lil xulxin izda fuq affarijiet ohra, inkluz min-naha ta’ l-attur fuq ix-xoghol tieghu fin-negozju tal-familja. Jidher li bdew jahsbu biss fiz-zwieg peress li l-familjari ta’ l-attur offrew lill-koppja tmur tghix fil-post ta’ villegattura taghhom il-Qawra u kien hawn li l-koppja ffissat id-data ghall-Marzu 1996 sabiex issir l-istess zwieg.

Illi hawn deher car mill-provi kollha prodotti li l-attur mhux biss kellu dubbji kbar li jizzewweg lill-konvenuta, izda jistqarr li ma rridx jizzewweg lill-istess konvenuta tant li kien qalilha hekk. Dan is-sentiment tieghu tant kien qawwi li ma zammux ghalih izda espremih ma' diversi persuni bhala huh Calude Magri, inkluzi membri tal-familja anke tal-konvenuta li kkonvincewh li kien issa tard wisq sabiex jerga' lura mid-decizjoni tieghu; l-attur jghid li qal b'dan lill-konvenuta u din ma kinitx okkazzjoni ta' darba, izda jghid li l-koppja tkellmet fit-tul dwar dan; jghid pero' li l-konvenuta stqarret li jekk ma jsehhx iz-zwieg maghha hija kienet ser tikkometti suwicidju u l-attur jghid li huwa beza' minn dan u kien ghalhekk li fil-fatt izzewweg.

Illi jidher li dan pero' kellu effett fuq il-hajja tal-koppja flimkien u dan peress li dan kien zwieg sfurzat – jidher li l-attur baqa' ghaddej bil-hajja tieghu u l-konvenuta jidher li tilfet il-fiduzja fl-attur, anke ghaliex bdiet jew ahjar kompliet tfittex  lil ommha u l-genituri taghhom konxja tan-nuqqas ta' komunikazzjoni bejn il-partijiet, is-sentimenti espressi mill-attur qabel iz-zwieg, u wkoll mill-fatt li hija hasset li kellha tizzewweg ghaliex id-data tat-tieg kienet gja iffissata u bhal speci hasset li ma riditx jew ma xtaqitx *"taqa' tac-cajt ma' dawk li kienu miestedna ghat-tieg".* Fil-fatt il-hajja ta' din il-koppja certament ma kinitx karaterizzata f'xi forma ta' hajja ta' unjoni bejniethom, izda mix-xhieda rispettiva tal-partijiet  jidher li kull parti baqgghet tghix qisha ghal rasha izda jorqdu fl-istess dar. Konxji ta' dan kollu jidher li ma' sar l-ebda tentattiv mit-tnejn sabiex ikollhom l-ulied, ovvjament dan kienet hajja insoportabbli ghat-tnejn u l-konvenuta hadhet il-briga u f'Jannar 2001 telqet id-dar matrimonjali u marret tghix mal-genituri taghha u f'April 2002 saret is-separazzjoni konsenswali bejniethom.

Illi ma' hemm l-ebda dubju li l-partijiet kienu ghal kollox immaturi li ghaliex konxji tal-fatt li effettivament lanqas biss kienu jhobbu lil xulxin huma ghamlu l-pass li jizzewwgu, pass li ghamluh, jew ahjar bezghu mmorru lura mid-decizjoni ta' l-iffissar tad-data tat-tieg anke minhabba li taw kaz x' jahsbu n-nies, konsiderazzjoni

inutili peress li kienu huma li kellhom jiffaccjaw u fuq kollox jiddeciedu fuq il-hajja taghhom taz-zwieg – decizjoni li huma hadu fuq kollox ghaliex hassew li ma’ kellhomx triq ohra f’dak l-istadju tal-hajja taghhom hlief li jaghmlu hekk, u dan ghaliex kulhadd li ghalihom kien importanti kien qed jahseb li hekk kellhom jaghmlu, u fil-kaz ta’ l-attur dan huwa aggravat minn dak li xehed. Min-naha tal-konvenuta dan huwa kkoroborat mill-fatt li hija tistqarr li hija ghamlet dan il-pass minkejja li kienet taf li hija ma kinitx thobb lill-attur, u dan sqarrithu ma’ persuni ohra kemm qabel iz-zwieg, kemm wara z-zwieg, u wkoll f’din il-kawza, u xorta marret li biex tizzewweg minkejja l-fatt li kienet taf li l-attur ukoll mhux biss ma’ kienx ihobbha, izda li qalilha bl-iktar mod espressiv li ma’ ridtx jizzewwwigha.

Illi din il-Qorti fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, kemm dawk li graw qabel u kemm dawk li graw wara dan is-suppost zwieg, huwa difficli sabiex tasal ghall-konkluzzjoni ohra hlief li l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat *stante* li l-istess partijiet jidher li kellhom f’dak il-mument nuqqas ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, fuq l-elementi taghha u fuq is-sinifikat ta’ l-istess ghaliex certament li persuna ma’ taghtix dan il-kunsens ghaliex tkun iffissata d-data tat-tieg, jew sabiex ma tiddisapuntax lil xi hadd, izda ghall-ragunijiet ta’ imhabba vera u x-xewqa u impenn li wiehed jistabilixxa familja bejn ragel u mara immirata wkoll ghal gid komuni u ta’ l-ulied li jitwieldu mill-istess relazzjoni f’kuntest ta’ *consortium vitae* u unita’ ta’ hajja bejn koppja. Dan kollu kien mhux biss nieqes ghaliex l-partijiet ma’ fehmuhx, izda lanqas biss setghu jifhmuh u wisq inqas kien hemm impenn ghalih minn kull parti – dan iwassal ukoll sabiex irrenda lil kull parti li taqdi l-obbligazzjonijiet taghha ta’ zwieg lejn il-parti l-ohra u dan b’mod kemm konxjentosament u kemm mhux.

Illi fil-fatt l-attur hass li kien kostrett li jizzewweg u jidher li kien ukoll aggressiv lejn il-konvenuta, li fil-fatt irrakkontat diversi episodji ta’ vjolenza fil-konfront taghha li kollha jikkonfermaw in-nuqqas ta’ sentimenti ta’ imhabba ta’ l-attur lejha u wkoll nuqqas ta’ rispett fil-konfront taghha; fil-

kaz tal-konvenuta l-element ta' prokreazzjoni ta' l-ulied f'dawn ic-cirkostanzi ma' kienx possibilita' u in verita' ma' kien possibilita' qatt ghaz-zewg partijiet konxji tal-fatt li l-element ta' *consortium vitae* bejniethom kien nieqes totalment u ghalhekk din il-Qorti thoss li l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** certament.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, biss in kwantu huma inkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' it-talba attrici biss fis-sens hawn premess**, b'dan illi:-

1. Tiddikjara illi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fid-9 ta' Marzu 1996 huwa null *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** *stante* li l-kunsens ta' kull parti kien hekk vizzjat bil-mod hawn fuq premess u deciz.

Bl-ispejjez kollha jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------